ŻEBBUĠ

# Minuti tas-Seduta Nru. 39/15

***Kienet addottata Aġenda nru. 32/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 17 ta' Frar 2015**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat u l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Daphne Caruana kienet assenti.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 38/15

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 38/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 38/15

### Offerti ZGLC 01/2015 u ZGLC 02/2015

Il-Kunsill Lokali qabel li l-*adjudication bords* li ser jirrakkomandaw fuq dawn iż-żewġ offerti jkunu magħmula minn William Sultana – Chairman, l-Av. Damian Bigeni – Segretarju u l-Perit Teddie Busuttil, l-Inġ. Vince Rapa u s-Sinj. Pauliana Said – membri.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 05/2014

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 05/2014 tat-Tlieta 18 ta' Novembru 2014 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Memo nru. 04/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-twaqqif ta' Kumitat tal-Finanzi.

Komunikat mibgħut mis-Sur Michael Pace dwar l-istat ħażin tal-parti t' isfel ta' Triq Għajn Mhelhel, quddiem l-aħħar bini.
Is-Sindku qal li kien talab lill-kuntrattur tal-*patching* stima biex jiksi bil-*hot asphalt* din il-parti tat-triq. Is-Sindku qal bl-iskont offrut mill-kuntrattur, ix-xogħol fuq Triq Għajn Mhelhel ser jiswa €19,000. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet biex isir ix-xogħol imsemmi mis-Sindku, irid jinstab sors ta' finanzjament.

Ittra mibgħuta minn National Student Travel Foundation dwar l-NSTF Science Art Contest. Il-Kunsill qabel li jixtri ktieb biex jingħata bħala premju lir-rebbieħ fil-konkors mill-lokalita` taż-Żebbuġ.

Komunikat mibgħut minn Angelo Bonello biex jorganizza t-tieni term tas-sessjonijiet tal-*aerobics.* Il-Kunsill qabel li jorganizza dawn is-sessjonijiet.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 04/2015 – Is-Sur Carmel Mallia**

Talab biex jinbidel ir-*railing* ta' Sqaq Anton Mallia. Ġie deċiż li l-Perit joħroġ stima biex jinbidel ir-*railing* u minflok isir b' materjal kif qed isir fil-*promenade* tal-Qbajjar.

**Nru. 05/2015 – is-Sur Cecil Cefai**
Biex tinbidel bankina ta' garaxx fi Triq Għajn Mhelhel (fil-bidu tal-isqaq ta' Carnemolla). It-talba għal bankina ġdida kienet approvata.

**Nru. 06/2015 – is-Sur Godwin Hili**
Talab għal provvista ta' tlett jardi konkos għal rampa fi Triq Ta' Tutiet. It-talba kienet approvata.

**Nru. 07/2015 – is-Sinj. Ġemma Cini**
Talbet biex issir rampa ta' għalqa fi Triq Ta' Tutiet. It-talba kienet approvata, ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 08/2015 – is-Sinj. Ġiuseppa Vella**
Talbet biex issir rampa fi Triq Ta' Tutiet (tlett jardi konkos). It-talba kienet approvata, ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 09/2015 – is-Sur Baskal Saliba**
Talab biex issir rampa fi Triq Ta' Tutiet. It-talba kienet approvata, ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 10/2015 – is-Sur George Cini**
Biex jitħammel il-wied ta' fuq ir-riħ tar-razzett ta' Cini fi Triq Wied l-Infern. Ix-xogħol ta' taħmil kien approvat mill-Kunsill, jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

**Nru. 11/2015 – is-Sur Louis Zammit**
Issuġġerixxa li ssir *sleeping policemen* quddiem Seagull Snackbar fi Triq ix-Xwejni. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi l-proposta lil Transport Malta.

**Nru. 12/2015 – is-Sur Vigo Azzopardi**
Biex jitranġa ħajt (erba' filati ħajt) fi Triq tal-Kanun. It-talba kienet approvata, ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 13/2015 – is-Sur Ġanni Vella**
Talab biex jitħammel u tissaqqaf biċċa fil-wied magħruf bħala tal-Agunija fil-limiti ta' Triq Wied l-Infern. Ix-xogħol kien approvat mill-Kunsill u jsir mill-*handy man*.

**Nru. 14/2015 – is-Sur Karistu Grech**
Talab biex issir rampa – nofs jarda konkos fi Triq tal-Kanun. It-talba kienet approvata, ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 15/2015 – is-Sur Alfred Attard**
Isir traqqiegħ bil-konkos – disa’ metri konkos ta’ Triq Ta’ Kuljat u x-xogħol ser jagħmlu hu. It-talba għal provvista ta’ konkos kienet approvata mill-Kunsill.

**Nru. 16/2015 – is-Sur Leli Cini u s-Sur Sander Saliba**
Talbu biex jinbena ħajt ta’ ilqugħ - filata waħda fi Triq tal-Ħamra. Ix-xogħol kien approvat mill-Kunsill u jsir mill-*handyman*.

**Nru. 17/2015 – is-Sindku Nicky Saliba**
Ressaq dawn it-talbiet:
- biex tinbidel il-bankina ta’ quddiem ir-residenza ‘Arjuża’ fi Triq Għajn Mhelhel.
- tiswija tal-bankina ta’ quddiem ir-residenza 10 fi Triq il-Ponta.
- ħarġa għall-purċissjoni tal-Ġimgħa Imqaddsa f’ Ħal Għaxaq.

It-talbiet kienu approvata mill-Kunsill.

**Nru. 18/2015 – il-Kunsillier Joseph Camilleri**
Ippropona li jsir traqqiegħ bil-konkos fi Triq tal-Ħluq. It-talba kienet approvata, ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 30/2015 – DOK A għall-perijodu bejn it-8 ta’ Jannar 2015 u t-12 ta’ Frar 2015 kienet approvata.

## 8. *FINANCIAL STATEMENTS* 2014

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-*financial statements* għas-sena 2014. Il-Kunsill iddiskuta u approva l-*financial statements* kif preżentata. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarja Eżekuttiva.

## 9. BUDGET 2015

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra abbozz tal-estimi finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2015. Is-Segretarja Eżekuttiva qrat id-dokument tal-budget. Wara xi mistoqsijiet u rimarki ta’ kjarifika, il-Kunsill approva l-budget għas-sena 2015 kif preżentat.

## 10. JUM IŻ-ŻEBBUĠ 2015

Għall-okkażjoni ta' Jum iż-Żebbuġ 2015, il-Kunsill ftiehem li jorganizza dawn l-attivitajiet:

| | |
|---|---|
| is-Sibt 25 ta' April 2015 | Logħob għat-tfal fil-grawnd tal-Iskola. |
| | Ċerimonja ta' tifkira fl-Iskola. |
| il-Ħadd 26 ta' April 2015 | Tberik tal-*pets*. |
| it-Tlieta 28 ta' April 2015 | Quddiesa ta' radd il-ħajr. |

**PREMJU ĠIEĦ IŻ-ŻEBBUĠ**

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill unanimament qabel li l-Premju Ġieħ iż-Żebbuġ 2015 jingħata lil Mr Charles Cini, l-ewwel President tal-Banda Sta Marija Żebbuġ u l-ewwel tabib fir-raħal taż-Żebbuġ.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill qabel li jorganizza ħarġa bit-trejn f' Għawdex nhar il-25 ta' Frar 2015.

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tnejn 2 ta' Marzu 2015 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |